MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 736/2014

**David John Grech**

**(ID 531684M)**

**Vs**

**Anthony Bezzina ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Bezzina Maritime Services Limited (C14583)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 7 ta' Novembru, 2014 fejn l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien impjegat mas-Socjeta' ntimata ghal tmien (8) snin;

Illi s-Socjeta' ntimata temmet l-impjieg tal-attur minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-intimat naqas li jhallas n-notice lill-attur li jirraprezenta tmien (8) snin impjieg;

Illi l-paga ta' gimghatejn kienet ta' erba' mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€443.45c) u b'hekk l-ammont dovut lill-attur mis-Socjeta' ntimata ghad-disa' (9) gimghat notice huwa ta' elf disa' mija u hamsa u disghin Ewro u hamsin centezmu (€1,995.50c).

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex is-Socjeta' ntimata tigi kkundanata thallas l-ammont ta' elf, disa' mija u hamsa u disghin Ewro u hamsin centezmu (€1,995.50c).

Bl-ispejjez u l-imghax kontra s-Socjeta 'ntimata li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta datata l-21 ta' Novembru, 2014 tas-Socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet:

Illi preliminarjament, is-Socjeta' ntimata teccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza odjerna u dan ai termini tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjeta' ntimata tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti tkecca mill-impjieg ghal raguni tajba u bizzejjed u mhux fuq bazi ta' *redundancy* u ghaldaqstant ebda hlas ta' *notice* ma huwa dovut;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semgha t-trattazzjoni tar-rapprezentanti tal- attur u l-konvenuti.

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar it-Tnejn is-27 ta’ April, 2015 li bih il-kawza thalliet, ghas-Sentenza preliminari dwar il-kompetenza tat-Tribunal o meno;

Semgha x-xhieda ta’ **David Grech** li qal li hu kien jahdem ghall-Anthony Bezzina ta’ Bezzina Maritime Services. Hu jahdem fl-*engine room* ta’ rig bhala *engine driver*. Kien tkecca mix-xoghol u qed jaghmel kawza kontrihom ghan-*notice period* li ma thallasx. It-tkeccija tieghu kienet wahda ‘ngusta.

David Musu` qal li Grech kien impjegat ma’ Bezzina Maritime Services Limited u kkonferma li Grech kien gie mkecci ghaliex irrifjuta jmur ghax-xoghol darbtejn, Darba minnhom kien telaq mill-post tax-xoghol u darb’ ohra kien irrifjuta li jmur ix-xoghol. Ghalhekk itterminawlu x-xoghol. [1]

Ghal kull incident li gara qala` *warning.* Ma kienx hu l-persuna li tela` quddiem l- Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol.

Xehed **Melvin Cachia,** Segretarju tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol. Hu ddikjara illi bhala Awtorita’ huma ma jidhlux fi kwistjonijiet bejn l-impjegat u min kien impjegah. Hu qal ma jidhlux fi kwistjonijiet tat-Tribunal Industrjali u ma jinfluwenzawx dak li jigri hemm, huma jibbazaw ruhhom fuq l-*employment history* ta’ bniedem, jaraw il-kwistjoni minn latt uman jekk l-individwu kkoncernat ikunx ntitolat jiehu l-beneficcji jew le u xejn aktar. Jisimghu z-

[1] Ars dok AB1

zewg partijiet f'hin qasir imbaghad jiddeciedu jekk bniedem wara li tkecca huwiex intitolat jiehu beneficcji jew le.

Illi in forza tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob li jithallas ghan-*notice period* li huwa allegatament dovut lilu wara li tkecca mix-xoghol.

Illi fl-ewwel eccezzjoni gie eccepiet in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal u dan ai termini tal-Kap 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

*75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbgħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:*

Illi skont l-attur din hija *money claim* u mhix kwistjoni ta' tkeccija ingusta *o meno* imma hlas ta' *notice period* li ghandha dejjem tithallas anke jekk hemm tkeccija ingusta. Illi l-kontro-parti argumentat li persuna li tkecciet spiss ma tithallasx in-*notice period*. Illi ghalhekk il-fatt li s-Socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li thallsu in-*notice period* huwa ghaliex thoss illi tali tkeccija jikkwalifikaha biex ma thallasx lill-konvenut. Ghalhekk mela bilfors hemm bzonn dikjarazzjoni min-naha tat-Tribunal Industrijali dwar jekk it-tkeccija kienitx gusta jew le u tikkwalifika` lis-Socjeta` konvenuta li tirrifjuta li thallas in-*notice period*.

Huwa pacifiku li persuna li titkecca mix-xoghol tista ma tithallasx ghan-*notice period*. It-Tribunal wara li semgha t-trattazzjoni tal-partijiet ihoss illi d-dover tieghu huwa li jiddeciedi jekk din il-persuna tkeccietx *o meno*. Johrog car mill-ittri li jinsabu esebieti a fol 34 (ittra datata 13 ta' Jannar, 2014) , a fol 35 (ittra datata 26 Frar, 2014) u a fol 36 (ittra datata 14 ta' Marzu, 2014) tal-process odjern f'din it-talba li l-attur kien gie mwissi diversi drabi dwar l-imgieba tieghu. Illi issa jekk qed jargumenta illi ghandu jithallas in-*notice* ghaliex kienet tkeccija ngusta l-kwistjoni ghandha tigi rimessa ghall quddiem it-Tribunal Industrijali ghaliex hawnhekk din il-kwistjoni, kif tindika car il-ligi, tesorbita l-kompetenza tat-Tribunal. Illi minghajr ma jidhol fil-kwistjoni ta' jekk kinitx gustifikata *o meno* t-tkeccija saret kif titlob il-prassi u ghalhekk is-Socjeta` konvenuta ghandha kull dritt ma thallasx il-perjodu tan-notice.

**Decide**

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi u minghajr ma jidhol fil-kwistjoni ta' tkeccija ngusta *o meno*, liema kwistjoni ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, it-Tribunal jichad it-talba kif dedotta fl-Avviz.

Bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------